# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018**

**Numru**

**Rikors kostituzzjonali numru 29/18 SM**

**Alfred Degiorgio**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali; u b'dikriet tat-8 ta' Mejju 2018 Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia tħallew jintervejenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-attur Alfred Degiorgio minn dikriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li laqgħet talba biex terzi jintervjenu fil-proċeduri *in statu et terminis*. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'rikors kostituzzjonali tat-23 ta' Marzu 2018 l-attur fetaħ proċeduri ["il-kawża kostituzzjonali"] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kom-

petenza kostituzzjonali ["l-ewwel qorti"] biex jitlob rimedju għal dak li deherlu li kien ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"].

3. Flimkien mar-rikors li bih fetaħ il-kawża l-attur ippreżenta rikors ieħor quddiem l-ewwel qorti li bih talab li jingħata rimedju *ad interim*, sakemm tinstema' u tinqata' l-kawża. It-talba ntlaqgħet "provviżorjament" dakinhar stess u r-rikors ġie appuntat għas-smigħ għall-10 ta' April 2018 ["il-proċeduri *ad interim*"].

4. Fis-26 ta' Marzu 2018 terzi persuni talbu li jitħallew jintervjenu *in statu et terminis* fil-kawża kostituzzjonali. It-talba ntlaqgħet b'dikriet tat-8 ta' Mejju 2018. B'rikors ieħor tat-13 ta' April 2018 l-istess terzi intervenuti fil-kawża talbu li jitħallew jintervjenu wkoll fil-proċeduri *ad interim*. Minkejja l-opposizzjoni tal-attur l-ewwel qorti laqgħet it-talba b'rikors tal-20 ta' April 2018 u awtorizzat lit-terzi persuni "jintervjenu fil-proċedura in disamina għal kull interess li jista' jkollhom".

5. B'rikors tas-26 ta' April 2018 l-attur talab li jitħalla jappella mid-dikriet tal-20 ta' April 2018, u l-ewwel qorti b'dikriet tat-8 ta' Mejju 2018 laqgħet it-talba. L-attur imbagħad b'rikors tal-10 ta' Mejju 2018 ressaq l-appell li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment tallum.

6. L-aggravji tal-attur huma tlieta. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

»L-ewwel aggravju tal-esponenti huwa ibbażat fuq dak illi jgħid espressament l-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi dan illi ġej:

> »"Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa għandu interess f'kawża li tkun miexja bejn partijiet oħra, jista' fuq rikors jiġi mdaħħal *in statu et terminis*, bħala partifil-kawza, f'kull waqt tagħha, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; iżda dan l-intervent fil-kawża ma jwaqqafx il-proċeduri tagħha."

»Dan ifisser illi l-artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar intervent *in statu et terminis* f'kawża miexja bejn partijiet oħra u mhux f'xi tip ta' proċeduri ġudizzjarji oħra bħal ma huma dawk odjerni intiżi għal ħruġ ta' *interim measure*. Il-proċeduri odjerni huma hiss talba magħmula mill-esponenti għall-ħruġ ta' *interim measure* pendenti l-kawża kostituzzjonali istitwita minnu.

»L-esponenti jsostni illi għalhekk it-talba magħmula mill-Avukat Peter Caruana Galizia *et* sabiex jintervjenu *in statu et terminis* hija irrita, nulla, mhux kontemplata mil-liġi u illi kellha tiġi miċħuda. … … …

7. Kif sewwa josservaw it-terzi intervenuti fit-tweġiba tagħhom, dan l-aggravju huwa riżultat ta' ekwivoku maħluq mill-prassi amministrativa li meta jfeġġ episodju inċidentali f'kawża jinfetaħ *folder* jew, aħjar, *sub-folder* ġdid b'numru ta' referenza ġdid. Hekk, il-kawża kostituzzjonali għandha n-numru 29/2018 waqt li l-proċeduri *ad interim* għandhom in-numru 29/2018/1. Madankollu, il-kawża hija waħda, u l-proċeduri *ad interim* ma humiex proċeduri għalihom jew kawża oħra għaliha iżda biss episodju fl-istess kawża. Il-fatt illi, biex għamel dan l-appell tallum, ir-rikorrent ħass li kellu jitlob permess taħt l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili juri illi d-dikriet li minnu sar dan l-appell ma kienx dikriet li bih ingħalqu proċeduri awtonomi iżda kien biss dikriet interlokutorju fil-kawża kostituzzjonali li kien meħtieġ permess biex isir appell minnu.

8. Minn dan kollu jsegwi illi ladarba t-terzi intervenuti issa intervjenew fil-kawża kostituzzjonali, bis-saħħa tad-dikriet tat-8 ta' Mejju 2018, l-intervent tagħhom igħodd għall-kawża kollha u għal kull episodju fiha.

Effettivament, id-dikriet tal-20 ta' April 2018, li bih l-ewwel qorti awtorizzat lit-terzi jintervjenu fil-proċeduri *ad interim* huwa superfluwu.

9. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

10. Fit-tieni aggravju l-attur igħid illi persuni privati (ħlief għal min iressaq l-ilment ta' ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu) ma għandhomx *locus standi* fi proċeduri kostituzzjonali biex jingħata rimedju *ad interim*:

> »It-tieni aggravju tal-esponenti huwa fis-sens illi f'kull każ … … … l-istitut tal-intervent *in statu et terminis* ċertament ma japplikax għall-proċeduri speċjali ta' talba magħmula għall-ħruġ ta' *interim measure* u dana billi l-ħruġ ta' *interim measure* huwa miżura mitluba minn rikorrenti fil-konfront tal-istat li fiha citaddin privat ieħor ma għandu l-ebda *locus standi*. Kif intqal mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'paragrafu 110 tas-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Frar 2003 fil-kawża fl-ismijiet Mamatkulov *et v.* Turkija (applik. nru. 46837/99), il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorità u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. Il-miżura mitluba hija waħda fil-konfront tal-istat biex leżjoni ta' dritt fundamentali ma sseħħx jew ma tkomplix isseħħ. L-Avukat Peter Caruana Galizia *et* ma għandhom l-ebda *locus standi* f'tali proċeduri.«

11. Dan l-aggravju wkoll huwa ħażin.

12. Ladarba t-terzi tħallew jintervjenu fil-kawża kostituzzjonali, mela għandhom *locus standi* bħala intervenuti fl-episodji kollha ta' dik il-kawża.

13. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma għandhiex il-prassi jew, minħabba fil-limitazzjonijiet tat-trattat li ħoloqha, ma għandhiex is-setgħa li tħalli lil terzi persuni privati jintervjenu f'kawża mibdija minn persuni privati oħra kontra l-istat, din il-limitazzjoni ma tolqotx ukoll lill-qorti domestika. Anzi, is-setgħa tal-qorti domestika li tħalli terzi jkunu parti konvenuta f'kawża kostituzz-

jonali, jew li tħallihom jintervjenu wkoll f'kawżi kostituzzjonali u, jekk meħtieġ, anke li ssejħilhom fil-kawża, isservi biex jiġu evitati spropositi legali, bħal meta fuq talba ta' parti telliefa f'kawża quddiem qorti domestika l-Qorti Ewropea tordna t-tħassir ta' sentenza mogħtija f'dik il-kawża domestika bla ma tkun semgħet lill-parti rebbieħa f'dik il-kawża għax ma kinitx jew ma setgħetx tkun ukoll parti fil-kawża ewropea.

14. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

15. Fl-aħħar aggravju l-attur igħid illi f'kull każ it-terzi ma kellhomx l-interess meħtieġ biex jitħallew jintervjenu:

> »… … … jekk stess kellu jingħad *gratia argomenti* illi japplika l-istitut ta' intervent *in statu et terminis*, l-ewwel onorabbli qorti xorta waħda ma setgħet qatt tawtorizza lill-Avukat Peter Caruana Galizia *et* sabiex jintervjenu "għal kull interess li jista' jkollhom" billi huwa mgħallem in tema ta' intervent *in statu et terminis* illi min jiġi ammess jintervjeni jrid ikollu interess sostanzjali u dirett fil-kawża u mhux sempliċement interess fl-eżitu ta' dik il-kawża. L-espojenti jirrileva illi l-interess illi l-Avukat Peter Caruana Galizia *et* jgħidu illi għandhom sabiex jintervjenu huwa semmai sempliċement interess fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri għaliex, fi kliemhom stess, it-talba ta' Alfred Degiorgio fir-rikors promotorju tolqot il-gbir ta' provi jil-proċeduri tal-istruttorja. Issa huwa mgħallem minn dina l-onorabbli qorti Kostituzzjonali stess illi sempliċi interess fl-eżitu ta' kawza kostituzzjonali bejn ċitiidin u l-istat ma huwiex biżżejjed sabiex terz jiġi permess jintervjeni. … … … Fil-każ odjern huwa evidenti li l-interess li qed jippretendu l-Avukat Peter Caruana Galizia *et* ma huwiex interess dirett fil-proċeduri odjerni iżda fl-eżitu tagħhom in kwantu tista' tolqot il-ġbir ta' provi fil-proċeduri tal-istruttorja. Dan it-tip ta' "interess", jekk jista' jissejjaħ hekk, ma huwiex biżżejjed sabiex l-Avukat Peter Caruana Galizia *et* jiġu permessi jintervjenu f'dina l-proċedura jew talba għal ħruġ ta' *interim measure* u ċertament l-Avukat Peter Caruana Galizia *et* ma stqarru l-ebda raġuni li għandhom għalbiex jipproteġu l-interessi tagħhom f'dawn il-proċeduri tant partikolari.
>
> »Jingħad ukoll li lanqas il-fatt illi l-Avukat Peter Caruana Galizia *et* huma l-eredi ta' Daphne Caruana Galizia u qegħdin jipparteċipaw bħala partecivile quddiem il-qorti istruttorja ma huwa suffiċjenti sabiex jirradika interess li huma jintervjenu *in statu et terminis*. Hawn ta' min ifakkar illi dina l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali irriteniet kemm-il darba illi l-jedd għal smigħ xieraq ma japplikax għal *parte civile* … … … Inqas u inqas għandhom jedd jew interess jintervjenu fi proċeduri

> kostituzzjonali u konvenzjonali mibdija minn wieħed mill-akkużati jew f'talbiet għal ħruġ ta' miżuri provviżorji. *Inoltre* l-proċeduri tal-inkjesta maġisterjali u ta' quddiem il-qorti istruttorja huma proċeduri ġudizzjarji bl-intervent tal-pulizija eżekuttiva u finalment iwieġeb għalihom l-ostat. Id-drittijiet imsemmija minn Peter Caruana Galizia *et* bħala eredi ta' Daphne Caruana Galizia ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-proċeduri odjerni għal ħruġ ta' *interim measure* quddiem dina l-onorabbli qorti u dana billi tali drittijiet, jekk tassew jissussistu, jagħtu lok għal proċeduri separati u indipendenti minn dawk odjerni. … … …
>
> »L-esponenti ghalhekk jissottometti illi huwa ġuridikament inkonċepibbli li jingħad li terzi għandhom jintervjenu *in statu et terminis* "għal kull interess li jista' jkollhom" għaliex l-interess irid ikun sostanzjali u dirett u jkun fil-kawża mhux dwar proċeduri oħra.«

16. Għall-istess raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel żewġ aggravji, dan l-aggravju wkoll huwa ħażin: il-proċeduri *ad interim* ma humiex proċeduri awtonomi, għalihom; huma episodju fil-kawża kostituzzjonali li fiha t-terzi tħallew jintervjenu. Ladarba t-terzi tħallew jintervjenu għax wrew l-interess tagħhom fil-kawża kostituzzjonali, mela l-intervent igħodd għal kull episodju ta' dik il-kawża.

17. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

18. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell. L-ispejjeż ta' dan l-episodju – ħlief għall-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża, li għandhom iħallsu l-ispejjeż tagħhom stess – iħallashom l-attur Alfred Degiorgio.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm